MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 767/2006

**Theresa Sammut**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 110149 (M))**

**vs**

**George Zammit**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 818039 (M))**
**Anthony Zammit**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 751344 (M))**
**Doris Zammit**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 32643 (M))**
**Mary Mizzi**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 1053146 (M))**
**Helen Sciberras**
**(Numru tal-karta ta' l-identita` 783060 (M)) f'isimha proprju u f'isem l-assenti ohtha Gaetana maghrufa bhala Tania Milner bil-karta ta' l-identita` 327965 (M) u Marcon Agius bil-karta ta' l-identita` numru 152869 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ta’ Theresa Sammut datat l-14 t’Awwissu, 2006, li permezz tieghu sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi fl-10 t’Awwissu, 2005, mietet certa Vincenza Zammit li kienet omm ir-rikorrenti u l-intimati ndikati fil-paragrafu numru 1 tal-istess rikors promotur;

2. Illi l-wirt ta’ l-imsemmija Vincenza Zammit kien regolat b’diversi testmenti, bl-ahhar wiehed ikun datat l-4 ta’ Gunju, 2005;

3. Illi fl-20 t’Awwissu, 2005, mietet Josephine Cilia, bint ukoll tal-imsemmija Vincenza Zammit, li l-werrieta taghha huma l-intimati l-ohra Helen Sciberras, Gaetana sive Tania Milner u Marcon Agius – ilkoll ahwa Cilia;

4. Illi r-rikorrenti Theresa Sammut giet injorata fl-ahhar testament tal-imsemmija ommha Vincenza Zammit;

5. Illi ghalhekk tirrikjama d-dritt tal-legittima;

6. Illi jidher li l-intimati rrifjutaw li jaghtu s-sehem debitament dovut lir-rikorrenti flimkien ma’ l-imghax relattiv;

7. Illi di piu`, missier il-kontendenti ahwa Zammit u n-nannu tal-intimati l-ohra, l-ahwa Cilia, miet intestat u, konsegwentement, il-wirt tieghu jinqasam b’mod ugwali;

8. Illi hu wkoll allegat li ftit qabel ma mietet l-imsemmija Vincenza Zammit tat lill-uliedha s-somma ta’ tlettax –il elf, mitejn u erbgha u erbghin Lira Maltin, u tmienja u disghin centezmu, (LM13,244.98), liema somma ghandha tidhol fil-komputazzjoni testamentarja ai fini tal-legittima;

9. Illi l-uniku fond immobbiljari ta' Vincenza Zammit hu d-dar residenzjali taghha, liema fond jirrizulta li ser jinbiegh wara li kien konkluz konvenju fit-3 ta' Mejju, 2006, u dan, ghall-prezz ta' sitta u ghoxrin elf Lira Maltin, (LM26,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti qed titlob is-segwenti:

1. Illi jigu dikjarati bi precizjoni l-assi ereditarji ta' Vincenza Zammit;

2. Illi jigi likwidat l-ammont dovut lir-rikorrenti – liema ammont hu dak rizervat ghaliha bhala legittima dovuta skont il-ligi;

3. Illi jigu kkundannati l-intimati, jew min minnhom, biex ihallsu l-ammont hekk likwidat;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi kif indikati fl-istess rikors promotur;

Ikkunsidrat:

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata t-2 t'Ottubru, 2006, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

1. Illi l-ispejjez funerarji konnessi mal-funeral ta' Vincenza Zammit ghandhom jitnaqqsu mill-assi ereditarji;

2. Illi m'ghandhomx ibatu spejjez u imghaxijiet stante li jallegaw li gia` offrew il-legittima lir-rikorrenti li rrifjutatha;

3. Illi mill-bqija, ma jopponux it-talbiet tar-rikorrenti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti mill-partijiet;

Rat in-nota tar-rikorrenti datata t-23 ta' Mejju, 2007, li permezz taghha ndikat il-kontenut tal-eredita` tal-imsemmija Vincenza Zammit li sintetikament kien ikristallizat bil-mod segwenti:

A. Attiv:

1. LM13,244.98 u l-imghax relattiv, liema ammont kien depozitat mal-Bank of Valletta p.l.c., (ara fol 13 u 79);
2. LM26,000.00 bhala valur dikjarat tar-residenza li fiha kienet tghix Vincenza Zammit, u dan, a bazi ta' kuntratt ta' kompra-vendita bejn l-intimati u Wilfred u Anna konjugi Portanier Mifsud;

B. Passiv:

1. LM325.00 dovuti lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali;

2. LM662.80 spejjez funerarji;

Rat ukoll in-nota tal-intimati datata l-4 ta' Lulju, 2007, li permezz taghha sintetikament infurmaw lill-qorti bis-segwenti:

A. Passiv:

1. Illi jaqblu mal-Passiv indikat mir-rikorrenti aktar qabel;

B. Attiv:

1. Illi Vincenza Zammit ma kellha xejn f'isimha fid-data tal-mewt taghha stante li l-kont bankarju fuq indikat kien intitolat f'isem l-intimati;

2. Illi l-fond indikat mir-rikorrenti bhala r-residenza tal-imsemmija Vincenza Zammit kien effettivament f'isem, u allura l-proprjeta` tal-intimati;

3. Illi l-imsemmi fond inbiegh xhur wara li mietet Vincenza Zammit u konsegwentement ir-rikorrenti m’ghandha l-ebda dritt ghall-imghaxijiet konsegwenzjali;

4. Illi l-valur tal-fond de quo fid-data tal-konvenju kien anqas minn dak fid-data tal-kuntratt;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Rat in-nota tal-partijiet datata s-16 ta’ Novembru, 2009, li permezz taghha ddikjaraw li l-valur tal-legittima spettanti lir-rikorrenti hu ta’ sebat elef, erba’ mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€7,426.28), u dan, ai fini ta’ taxxa ta’ din il-procedura *come ceduta*, (ara fol 191;

Rat in-noti t’osservazzjonijiet ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rispettivament datati t-30 ta’ Novembru, 2011, u t-3 ta’ Frar, 2012;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn il-valur tal-meritu riskontrat fuq indikat ma jimmilitax favur il-procedura riskontrata stante li d-dispendju taz-zmien mehud u tal-isforz – anke emottiv – involut, ma jekwiparax ruhu u konsegwentement ghandu bla tlaqlieq jinghad li familja m’ghandhiex titfarrak ghal “*tletin bicca tal-fidda*”;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante dan, il-partijiet ipperseveraw bl-azzjoni odjerna u din il-qorti hi issa kostretta timxi solomonikament bil-konkluzjoni tal-vertenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna tista’ tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi ntiza biex tipprova tassigura l-legittima mill-wirt tal-mejta Vincenza Zammit favur ir-rikorrenti Theresa Sammut;

2. Illi s-successjoni tal-imsemmija Vincenza Zammit hi regolata b’testment in atti tan-Nutar Dr. Sarah Anne Agius datata l-4 ta’ Lulju, 2005, li permezz taghha l-imsemmija testatrici ddisponiet is-segwenti:

i. Illi hassret kwalunkwe testament iehor precedenti u kull skrittura privata minnha redatta;

ii. Illi ghalhekk ordnat li s-successjoni taghha tkun regolata biss bit-testment de quo, ghajr ghall-prokura hemm indikata;

iii. Illi istitwiet lill-hames uliedha George, Josephine, Tony, Doris u Mary, bis-sostituzzjoni tal-ulied f’kaz ta’ premorjanza, bhala eredi universali;

iv. Illi ddikjarat li gia` kkompensat lil min dar biha f’hajjitha stess;

v. Illi finalment hemm ukoll anness certifikat ta’ psikjatra li jattesta l-ideonita` psikologika tat-testatrici ghall-finijiet tar-redazzjoni legittima tat-testment de quo;

3. Illi r-rikorrenti Theresa Sammut, li hi wkoll bint it-testatrici fuq indikata, giet estromessa mill-imsemmi wirt u permezz tal-procedura odjerna qieghda ghalhekk tirrivendika s-sehem rizervat, ossia, il-legittima skont il-ligi;

4. Illi ghalkemm l-intimati jidher li accettaw it-talba tar-rikorrenti ghal tali legittima, jidher li ma qabblux fuq il-modalita` ta’ tali pagament;

5. Illi l-partijiet jaqblu li l-ammont in kontenzjoni hu ta’ sebat elef, erba’ mija u sitta u ghoxrin

Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€7,426.28), (ara fol 191); kif dettaljatament spjegat mill-istess abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti a fol 225-6 tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher kemm mir-risposta tal-intimati, kif ukoll minn nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara fol 68 u 236), jirizulta:

1. Illi l-intimati jaqblu li r-rikorrenti tinghata s-sehem rizervat dovut lilha;

2. Illi effettivament ftit aktar mill-ammont fuq indikat bhala s-sehem rizervat li l-partijiet kollha qabblu li hu s-sehem dovut lir-rikorrenti, (ara fol 191), kien gie anke depozitat fir-registru ta' din il-qorti;

3. Illi d-dizgwid jirrigwarda s-segwenti:

i. L-imghaxijiet fuq l-ammont pretiz;

ii. L-ispejjez tal-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-artikolu 615 (2) tal-Kap 16 jistabbilixxi:

i. Illi s-sehem rizervat hu kreditu kontra l-beni tal-mejjet;

ii. Illi l-imghaxijiet fuq l-istess, hu regolat bil-mod segwenti:

a. Illi meta dan is-sehem jintalab fi zmien sentejn (2) mid-data tal-ftuh tas-successjoni l-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn din id-data;

b. Illi meta minflok, dan is-sehem jintalab wara li jkun ghadda l-perjodu ta’ sentejn fuq indikat, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-qorti thossha preokkupata hafna meta f’din il-“vertenza” tirriskontra s-segwenti:

1. Illi l-partijiet jaqblu li s-sehem rizervat hu effettivament dovut;

2. Li nonostante dan, minhabba teknikalitajiet superfluwi, il-partijiet – li huma komplessivament ahwa u neputijiet – hadu l-ahjar parti ta’ sitt (6) snin jiggieldu fi proceduri legali li zgur issarrfu f’anomozitajiet profondi daqs kemm huma inutili, li zgur ser jibqghu jingarru bhala *eredita*` minn ulied il-kontendenti;

3. Illi l-istess procedura ma tirriskontra l-ebda utilita` ghall-kontendenti fejn attitudini aktar pozittiva kienet tkun ferm aktar ghaqlija minn dik riskontrata;

4. Illi finalment ghandu wkoll jinghad li l-eghbusija tar-ras ma twassal ghal imkien hlief ghal irjus imkissra – haga li l-kultura u c-civilizzazzjoni tirrifjuta li tissufraga;

Ikkunsidrat:

Illi kif issostni r-rikorrenti fin-nota taghha:

“il-legittima hi … jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mill-ligi favur id-dixxendenti …” u li dan hu “kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet”;

Illi f’dan ir-rigward il-partijiet kollha nvoluti fil-vertenza odjerna jaqblu fuq il-*quantum* ta’ kemm ghandu jkun dan il-valur u konsegwentement, din il-qorti ma thossx li ghandha tintrometti ruhha fir-rigward;

Illi ghalhekk qed tafferma li s-sehem rizervat hu dak maqbul bejn il-partijiet ai termini ndikati a fol 191;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-imghaxijiet dovuti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

1. Illi t-testatrici nkriminata mietet fl-10 t'Awwissu, 2005;

2. Illi l-procedura odjerna tirrizulta li giet intavolata fl-14 t'Awwissu, 2006;

3. Illi konsegwentement ir-rekwizit impost mill-artikolu 615 (2) tal-Kap 16 jirrizulta li gie abbundantement assodat stante li ghalhekk jirrizulta b'mod car li s-sehem rizervat in dizamina intalab fi zmien sentejn (2) mid-data tal-ftuh tas-successjoni kif stabbilit;

4. Illi ghalhekk, sodisfatt dan il-precett, l-imghaxijiet in dizamina ghandhom jibdew jiddekorru, f'dan il-kaz, mill-10 t'Awwissu, 2005;

5. Illi ai termini tal-artikolu 1139 tal-Kap 16, dan l-imghax ghandu jkun ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena;

Ikkunsidrat:

Illi nnotat ukoll li l-istess rikorrenti subordinatament ghal dak minnha espost, titlob li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, is-sehem rizervat jigi minfuh ghal ammont aktar minn dak precedentement ikkonfermat u dikjarat konguntivament mal-kontroparti;

Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju fir-rigward tghid biss li tali talba, ntrodotta wara ftehim verbalizzat, hi mhux biss in konsweta, izda anke inkonsulta u qieghda fl-ahjar ipotesi, tinjoraha;

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-qorti tiddikjara u tiddeciedi:

1. Illi rigward l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u l-ispejjez funerarji, tistabbilixxi li in vista tal-qbil riskontrat bejn il-partijiet fir-rigward dawn il-vertenzi partikolari, u l-ammonti hemm indikati ghandhom jigu ugwalment divizi bejn il-kontendenti – senjatament f'1/6 kull wiehed;

2. Illi di piu`, filwaqt li tirrespingi t-talbiet l-ohra tal-intimati u takkolji t-talbiet tar-rikorrenti:

i. Tiddikjara r-rikorrenti Theresa Sammut ghandha dritt ghas-sehem rizervat tal-beni kollha tal-mejta Vincenza Zammit;

ii. Tillikwida dan l-ammont ta' sehem rizervat fl-ammont ta' sebat elef, erba' mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u ghoxrin centezamu, (€7,426.28), kif maqbul bejn il-partijiet;

iii. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Theresa Sammut;

iv. Bl-ispejjez, kif indikat fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi mill-10 t'Awwissu, 2005.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------